MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2009

Citazzjoni Numru. 485/2008

**A B**
**vs**
**C D; Direttur tar-Registru Pubbliku**
**u l-Avukat Dottor Patrick Valentino u**
**l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer li permezz tad-digriet datat 14 ta’ Jannar 2009 gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-minuri E D.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk :

1. Illi l-attur kellu relazzjoni intima mal-konvenuta C D u minn liema relazzjoni twieldet it-tarbija E D (ara l-att tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. CC1).

2. Illi mill-att tat-twelid jirrizulta li l-konvenuta nizzlet fl-imsemmi att li missier E D mhux maghruf hekk kif jirrizulta mill-hames kolonna (5) ta' l-istess att;

3. Illi l-attur hu l-missier bijologiku ta' C D u jrid li jirrikonoxxi lill-istess u sahansitra innotifika lill-konvenuta C D b' ittra gudizzjarja a tenur ta' l-Artikolu 86 tal-Kodici Civili, izda l-konvenuta C D baqghet ma wegbitx ghal tali interpellanza;

4. Illi ghalhekk l-attur kellu jressaq din il-kawza;

Ghaldaqstant l-attur umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, joghgobha;

1. Tiddikjara illi l-attur hu l-missier naturali u bijologiku tal-minuri E D u dana anke permezz tal-hatra ta' perit nominand.

2. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid bin-numru 2453 u dana billi fil-hames kolonna ta' l-istess Att titnehha l-frazi 'father unknown' u jitnizzel is-segwenti; 'A B (Pieta', Malta)';

3. Tordna lill-istess konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku halli johrog att tat-twelid iehor hekk kif korrett.

Bl-ispejjez u l-konvenuti jew minn minnhom minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta C D li biha rrispondiet :

1. Illi fir-rigward ta' l-ewwel talba rikorrenti, l-esponenti taqbel illi l-minuri E D hija l-bint naturali ta' A B izda l-esponenti m' ghandhiex tbati l-ispejjez tat-testijiet genetici ;

2. Illi fir-rigward tat-tieni talba rikorrenti l-esponenti tirrimetti ruhha ghal decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, izda l-esponenti m' ghadhiex tbati l-ispejjez f' dan ir-rigward ;

3. Illi fir-rigward tat-tielet talba rikorrenti l-esponenti tirrimetti ruhha ghal decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, izda l-espoennti m' ghandhiex tbati l-ispejjez f' dan ir-rigward.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha rrisponda :

1. Illi preliminarjament fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jehtieg illi r-rikorrent jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu sabiex jekk it-talbiet rikorrenti jintlaqghu, dawn id-dettalji jkunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni.

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ukoll, jekk it-talbiet dedotti fir-rikors jintlaqghu l-kliem "the said" ghandhom jigu kkancellati minn taht il-kolonna li tindika d-dettalji ta' l-omm u l-kunjom tal-minuri ghandu jigi korrett.

4. Illi t-tieni talba ghandha tigi korretta fis-sens li l-korrezzjoni ghandha tintalab fuq l-Att tat-Twelid u mhux fuq l-estratt stante li l-korrezzjoni tigi inkorporata awtomatikament fl-estratt ladarba l-Att tat-Twelid jigi korrett.

5. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta' l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-intimat li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat ir-rapport xjentifiku[1] tad-DNA pprezentat u mahluf mill-Analista Christopher Farrugia u l-Ispizjara Marisa Cassar ;

Rat l-Avviz mahrug fil-Gazzetta tal-Gvern ;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla E, li twieldet mill-konvenuta C D fl-4 ta' Awissu 2006 u li fuq ic-certifikat tat-twelid taghha numru 2453/06 hija registrata bhala bint missier mhux maghruf, hija fil-fatt il-wild naturali tieghu; u ghalhekk qed jitlob il-konsegwenzjali korrezzjoni fl-att tat-twelid.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizulta pacifku li l-attur A B kellu relazzjoni stabbli mal-konvenuta C D, u li minn din ir-relazzjoni twieldet it-tifla E fl-4 ta' Awissu 2006. L-attur jghid, u l-imsemmija konvenuta taccetta, li din it-tifla hija l-wild naturali tieghu.

Illi r-rizultanzi tat-testijiet xjentifici tad-DNA jikkorroboraw din it-tezi, stante li minn ezami tal-kampjuni mehuda minn fuq il-persuna taz-zewg partijiet u ta' l-imsemmija minuri, rrizulta li din hija t-tifla naturali ta' l-attur.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqghua.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet ta' l-attur; u tiddikjara li l-attur A B huwa l-missier naturali u bijologiku tal-minuri E D; u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet necessarji fl-att tat-twelid numru 2453/06 fit-termini tat-tieni talba.

---

[1] Fol.34 *et seq.*

L-ispejjez jigu sopportati miz-zewg partijiet konguntivament, fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------